MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Numru. 363/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**REUBEN VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Reuben Vella ta’ 25 sena iben Michelina Vella, mwieled Pieta' nhar is-17 ta' Frar 1988, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 134788M u residenti 17, Sqaq l-Iskoccizi, Bormla;

Gie akkuzat talli nhar l-14 ta' Dicembru 2011 ghall-habta ta' bejn nofs il-lejl u id-disgha ta' fil-ghodu gewwa Triq San Luqa Pieta' ittanta li jisraq minn hanut bl-isem ta' Super Audio ghad-dannu ta' Mario Bezzina, liema reat ma sehhx

minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta tieghu liema attentat huwa aggravat bil-valur u bil-mezz:

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil-hgieg tal-imsemmi hanut liema hsara hija ta' aktar minn mija u sittax Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (€116.47) u dan ghad-detrement ta' Mario Bezzina:

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LLD datata 3 ta' Ottubru 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok FF3 u nnutat li l-imputat Reuben Vella m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li fil-passat l-imputat kellu problema ta’ abbuz mid-droga u fil-present jidher li hareg minnha infatti qata’ l-mistura u konsegwentement jidher li qabad it-triq it-tajba. Ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tikkunsidra li l-imputat jitpogga taht Ordni ta’ Probation sabiex ikun assigurat li ma jikkomettix reati simili u sabiex ma jergax jaqa’ fil-vizzju tad-droga. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tesendi l-perjodu tas-Sentenza

sospiza moghtija mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona ghall-perjodu ulterjuri.

Rat l-artikoli 17, 41(1)(a), 261(c) u (b), 263, 267, 278(2), 279, 280(2), 325(b), 28A, 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Reuben Vella, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Reuben Vella taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Reuben Vella ghall-piena ta' hames mitt Euro (Euro 500) multa.

Inkwantu ghat-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda kommisjoni ta' reat iehor fi zmien operattiv ta' Sentenza sospiza, wara li rat dak verbalizzat fis-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur in rigward, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 28B (2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, testendi t-terminu ta' xahar prigunerija sospiza ghall-erba' (4) snin ghall-perjodu ulterjuri ta' erba' (4) snin millum rigward is-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fit-3 ta' Ottubru, 2011 (Ara Dok FF4) fil-konfront tal-imputat Reuben Vella Omissis.
Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Reuben Vella.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Reuben Vella kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Reuben Vella l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------